# Ftit tagħrif fuq it-tagħlim fl-Għarb fis-seklu 19

Minn Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.



Dehra tal-binja fi Triq il-Knisja fejn infetħet l-ewwel skola ġol-Għarb

Fejn jidħol it-tagħlim, in-nies tal-Għarb kienu tassew iffortunati ħdejn in-nies tal-irħula l-oħra ta' Għawdex għax fl-1808 saret fundazzjoni li permezz tagħha seta' jibda jingħata t-tagħlim lin-nies tar-raħal. B'hekk ir-raħal tal-Għarb kien l-ewwel fost is-sitt irħula ta' Għawdex li kellu l-iskola tiegħu. Fis-26 ta' Ottubru 1808, l-ex-Arċipriet tal-Għarb il-kanonku Dun Lawrenz Asciak għamel fundazzjoni ta' 15-il skud fis-sena għal surmast tal-iskola biex jgħallem il-grammatika lit-tfal ta' qrabatu u lin-nies tal-Għarb. Din l-iskola twaqqfet u baqgħat tiffunzjona sal-1859 meta nfetħet l-iskola tal-gvern. L-għalliema f'din l-iskola kienu kollha qassisin u kienu l-Kanonku Dun Ġużepp Caruana, Dun Salv Galea, Dun Alwiġ Manueli u l-Kanonċi Dun Ġużepp Agius u Dun Mikelanġ Mizzi.[1]

## L-Iskola tal-Gvern (1859)

L-iskola tal-gvern fl-Għarb bdiet tiffunzjonna fl-1859, u kienet it-tielet waħda f'Għawdex wara dik tar-Rabat u tan-Nadur (1842).[2]

Għalkemm l-iskola primarja tal-Għarb bdiet tiffunzjona fl-1859, l-ewwel passi biex titwaqqaf jeħduna, kif se naraw, xi snin qabel.

Fil-15 t'April 1853, Dun Pawl Pullicino li kien id-direttur tal-iskejjel primarji, bejn 1850-1880, bagħat dokument lill-gvern bl-isem ta' *"Scuole Primarie Estimo per nuove scuole da aprire nel 1854"*. Fost l-iskejjel li ssuġġerixxa li jinfetħu kien hemm dik tal-Għarb bin-nefqa ta' £28 għas-salarju tas-Surmast u ta' £22 għas-salarju tas-Sinjora.[3]

Dun Pawl Pullicino kompla jistinka biex jinfetħu skejjel oħra, fosthom dik tal-Għarb. F'ittra lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern Sir Victor Houlton, bid-data tas-7 ta' Lulju 1853, huwa kiteb li kien qed jieħu l-opportunità biex jirrikmanda mill-ġdid lill-Gvernatur, l-estimi ta' tlett skejjel, fosthom dik tal-Għarb f'Għawdex, li huwa kien diġa issottometta, flimkien ma' dik ta' skola ġdid oħra.

Iżda minkejja l-insistenza ta' Dun Pawl Pullicino, kellhom jgħaddu kważi sitt snin oħra, biex tinfetaħ l-iskola primarja tal-gvern fl-Għarb.[4]

## Il-Ħatra tal-Ewwel Kapijiet

Permezz ta' żewġ ittri it-tnejn datati l-25 ta' Frar 1859, Dun Pawl Pullicino ppropona lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern il-ħatra ta' żewġ persuni b'rabta mal-iskola l-ġdida li kellha tkun miftuħa fir-raħal tal-Għarb.

Fl-ewwel ittra Dun Pawl ippropona li s-sinjorina Carmela Camilleri li f'dak iż-żmien kienet il-kap tal-iskola primarja taż-Żurrieq, biex tiġi trasferita għal Għawdex *"alla nuova scuola del Garbo Gozo"*. Dan it-transfer ġie approvat fl-28 ta' Frar 1859 u ġie ippublikat fl-iskola tal-gvern.[5]

Fit-tieni ittra, Dun Pawl Pullicino irrakkomanda l-ħatra ta' Ġużeppi Farrugia *"alla carica di Maestro della nuova scuola del Garbo Gozo"*, u l-ħatra ġiet approvata.[6]

Jidher ukoll li nstab bini biex iservi bħala skola primarja, għax wara li għamel talba bid-data tal-5 ta'April 1859, Dun Pawl Pullicino ġie awtorizzat biex iħallas is-somma ta' £4.5s5d lil Andrea Hili talli kien ittrasporta bankijiet u affarijiet oħra *"alla nuova scuola del Garbo"*. Il-kont ta' Hili għal dan ix-xogħol iġib id-data tad-29 ta' Marzu 1859, u dan jindika li f'Marzu 1859, id-dipartiment tal-iskejjel primarji kellu f'idejh il-bini li kellu jintuża għall-iskola.[7]

## L-Iskola tibda tiffunzjona

L-iskola l-ġdida tal-Għarb bdiet tiffunzjona fl-11 ta' April 1859 fid-dar numru 132 Triq il-Knisja, u nafu li

fl-istess xahar kienu nkitbu biex jattendu f'din l-iskola 64 tifel u 90 tifla. L-attendenza matul l-istess xahar kienet hekk: subien 46 u bniet 77.[8]

Sfortunatament, is-surmast tal-iskola tas-subien, Ġużeppi Farrugia ma tantx dam f'din il-kariga għax miet fit-13 t'Ottubru 1859.[9] Wara mewtu, is-Sur Luigi Borg inħatar bħala surmast tal-iskola tal-Għarb b'effett mill-1 ta' Novembru 1859.[10]

### L-Iskejjel Primarji fis-snin 60 (Seklu 19)

Minn rapport dwar l-iskejjel primarji għax-xahar ta' Diċembru 1861, insibu dan it-tagħrif dwar iż-żewġ skejjel primarji tal-Għarb.[4]

| | | |
|---|---|---|
| Total ta' Studenti | Subien 30 | Bniet 31 |
| Studenti Preżenti | Subien 25 | Bniet 23 |

Fil-bidu tal-1869, il-kap tal-iskola tas-subien, kien Benedetto Borg. Iżda b'effett mis-26 ta' Frar 1869, is-Sur Emmanuele Montanaro kap tal-iskola primarja tax-Xewkija, ġie maħtur kap tal-iskola tal-Għarb minflok is-Sur Benedetto Borg.[12]

### L-Iskejjel Primariji tal-Għarb fis-snin 70 (Seklu 19)

B'effett mill-25 ta' Awwissu 1871, is-Sur Emmanuele Montanaro, reġa' ġie maħtur kap tal-iskola primarja tax-Xewkija u minfloku fl-Għarb ġie is-Sur Gaetano Montanaro.[13]

Minn rapport dwar l-iskejjel primarji f'Diċembru 1874, insibu din l-informazzjoni dwar iż-żewġ skejjel primarji tal-Għarb.[14]

| | Class 1 | Class 2 | Class 3 | Class 4 | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Subien | 15 | 2 | | | 17 |
| Bniet | 25 | 5 | | | 30 |

Minn rapport ieħor dwar l-iskejjel primarji f'Novembru 1877, insibu dan it-tagħrif dwar iż-żewġ skejjel primarji tal-Għarb.[5]

| Children of school Age From 5 to 12 | Boys | Girls |
|---|---|---|
| | 115 | 116 |

| Average number of Pubils on books of the school | Boys | Girls |
|---|---|---|
| | 28 | 40 |

| Average attendance to schhol | Boys | Girls |
|---|---|---|
| | 23 | 28 |

Dawn iċ-ċifri juru biċ-ċar li persentaġġ żgħir biss mit-tfal tal-Għarb kienu qed jattendu l-iskola: 24% tas-subien u 34% tal-bniet.[15]

### L-iskejjel Primarji fis-snin 80 (Seklu 19)

B'rabta mal-edukazzjoni minn rapport li sar mill-pulizija f'Settembru 1881, nafu li kien hemm 172 ruħ ġewwa l-Għarb, li kienu jafu jaqraw u jiktbu bil-Malti.[16]

Rapport ieħor dwar l-iskejjel primarji, bid-data tal-15 t'Ottubru 1888, jagħtina dan it-tagħrif dwar l-iskejjel primarji fl-Għarb.[17]

| | | |
|---|---|---|
| Number of Students on the roll | Boys 34 | Girls 33 |
| Average Attendance | Boys 29 | Girls 24 |

| Distribution of Children | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Class1 | Class 2 | Class 3 | Class 4 | Class5 |
| Boys | 20 | 8 | 6 | | |
| Girls | 25 | 4 | 4 | | |

### L-Iskola ta' billejl

L-interess fl-edukazzjoni kien qed jiżdied bil-mod il-mod fil-gżejjer Maltin bit-twaqqif tal-iskejjel ta' billejl - "Night School" - għal dawk li ma setgħux jattendu filgħodu.[6] Mir-rapport fuq imsemmi dwar l-iskejjel primarji, tal-15 t'Ottubru 1888, nafu li kien hemm "night schools" f'diversi irħula ta' Malta u waħda biss f'Għawdex, fir-Rabat.[18] Aktar 'il quddiem twaqqfet ukoll "night school" fir-raħal tan-Nadur.[19] Fis-seduta tal-kunsill tal-gvern tat-13 ta' Frar 1895, ġie approvat vot ta' £17, "night school Garbo Gozo on probation for one year teacher and servants" [20] Jidher li dan l-esperiment fl-Għarb irnexxa, għax biex l-iskola ta' bil-lejl tkompli tiffunzjona fl-Għarb, fl-1899 ġiet approvata s-somma ta' £17 għal ħlas ta' għalliem u servjent.[21]

**Biblijografija:**

1. S Camilleri, "Ġrajjiet il-Kollejġjata tal-Għarb", p.14.
2. Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
3. A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) csg /01/ Reid Vol. No 3139.
4. IBID csg /01/ Reid Vol 25, No 3648.
5. IBID csg /01/ Le Marchant, Vol 14, No. 2043.
6. IBID csg /01/ Le Marchant, Vol 14, No. 2044.
7. IBID csg /01/ Le Marchant, Vol 16, No. 2278.
8. Il-Vuċi, Mejju 2013, ANM csg /01/ Le Marchant. Vol 17, No. 2400.
9. ANM csg /01/ Le Marchant, Vol 23, No. 3399.
10. M(alta) G(overnment) G(azzetta) 28.X.1859.
11. A.N.M csg /01/ Le Marchant Vol 53, No. 7849.
12. M.G.G 26-2-1869 p.27.
13. IBID 25-VIII-1871 p.194.
14. A.N.M csg /01/ STRAUBENZEE Vol 49, No. 7298.
15. IBID csg /01/ STRUBENZEF Vol 96, No.14, 370.
16. IBID csg /01/ BORTON Vol 59, No. 8749.
17. IBID csg /01/ TORRENS Vol 4, No. 453.
18. IBID.
19. Colonial Estimates Malta 1896 p.42. Jidher li din l-iskola ta bil-lejl bdiet tiffunzjona fl-1895, bi spiża ta' £23.
20. Sixth Supplementery Estimates of the Expenditure for the year 1895.
21. Colonial Estimates Malta 1902-1903 p.851.